

EUROPEAN AGENCY
for Special Needs and Inclusive Education

# IL-POŻIZZJONI TAL-AĠENZIJA DWAR SISTEMI TA’ EDUKAZZJONI INKLUŻIVA

## It-tieni edizzjoni

Dan id-dokument jippreżenta l-aġġornament għal – u huwa t-tieni edizzjoni ta’ – il-pożizzjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) dwar is-sistemi ta’ edukazzjoni inklużiva, ippubblikata fl-2015. Dan jistabbilixxi viżjoni miftehma għas-sistemi ta’ edukazzjoni inklużiva u l-karatteristiċi essenzjali tagħhom. ***Dokument ta' Sfond*** separat jippreżenta l-evidenza u l-letteratura li pprovdiet it-tagħrif għal dan l-aġġornament tal-2022 tad-dokument ta’ pożizzjoni tal-Aġenzija.

Din il-viżjoni tal-aħħar għas-sistemi ta’ edukazzjoni inklużiva hija mifhuma bħala aspirazzjoni – għan u orizzont – li l-pajjiżi membri kollha tal-Aġenzija jistgħu jallinjaw il-ħidma ta’ żvilupp tal-politika tagħhom magħha. Fl-għan li ssostni b’mod effettiv il-pajjiżi membri tagħha sabiex jilħqu dan l-għan, l-Aġenzija tirrikonoxxi li dawn jinsabu kollha f’punti differenti fil-ħsieb u l-azzjoni tagħhom dwar il-viżjoni għal sistemi ta’ edukazzjoni inklużiva. Għalhekk, il-viżjoni se tipprovdi punt fokali u ispirazzjoni biex titmexxa ’l quddiem il-ħidma mal-pajjiżi membri fis-snin li ġejjin.

Hekk kif l-Aġenzija tirrifletti fuq 25 sena ta’ ħidma mal-pajjiżi membri, il-viżjoni għal sistemi ta’ edukazzjoni inklużiva deskritta fid-dokument ta’ pożizzjoni tal-2015 tibqa’ waħda kostanti:

**L-istudenti kollha ta’ kwalunkwe età jingħataw opportunitajiet ta’ edukazzjoni ta’ kwalità għolja u sinifikanti fil-komunità lokali tagħhom, flimkien ma’ sħabhom u ħbiebhom.**

Madankollu, il-kuntest tal-ħidma fil-livell internazzjonali u Ewropew inbidel b’mod sinifikanti.

Huwa imperattiv li d-dokument ta’ pożizzjoni tal-Aġenzija jibqa’ kurrenti, għalhekk dan id-dokument jaġġorna l-verżjoni oriġinali mill-2015.

Is-sistemi tal-edukazzjoni madwar l-Ewropa qed jiffaċċjaw sfidi li dejjem qed jiżdiedu. Dawn huma minħabba konflitti, il-migrazzjoni, pandemiji, it-tibdil fil-klima, l-iżvilupp teknoloġiku u l-bidliet fis-soċjetà. Ħafna minn dawn l-isfidi jistgħu jżidu l-inugwaljanzi li skont il-***Global Education Monitoring Report 2020*** *[Rapport dwar il-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni Globali 2020]* huma assoċjati komunement ma’:

> … il-ġeneru, il-pożizzjoni mbiegħda, il-ġid, id-diżabilità, l-etniċità, il-lingwa, il-migrazzjoni, il-migrazzjoni sfurzata, l-inkarċerazzjoni, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru, ir-reliġjon u twemmin u attitudnijiet oħra (UNESCO, 2020, p. 4).

Il-leġiżlazzjoni u l-politika nazzjonali jridu jirrikonoxxu d-drittijiet tal-istudenti kollha u jipprevjenu b’mod attiv id-diskriminazzjoni, l-isterjotipar u l-marġinalizzazzjoni li huma evidenti għall-istudenti kollha li jistgħu jkunu vulnerabbli għall-esklużjoni mill-edukazzjoni inklużiva għal raġunijiet differenti.

Il-kuntest kurrenti ta’ konflitti u tal-pandemija tal-COVID-19 jippreżentaw opportunità biex wieħed jaħseb mill-ġdid fuq ir-reżiljenza tas-sistemi tal-edukazzjoni u kif dawn iħejju lill-istudenti kollha għall-ħajja fi żminijiet ta’ inċertezza li dejjem tikber. Hekk kif l-impatt sħiħ fuq it-tagħlim, is-saħħa mentali u l-benesseri taż-żgħażagħ isir evidenti, li wieħed jaħseb dwar kuntratt soċjali ġdid għall-edukazzjoni jsir prijorità, kif deskritt fi ***Reimagining our futures together*** *[Nimmaġinaw flimkien mill-ġdid il-futur tagħna]* (International Commission on the Futures of Education, 2021). Dan jenfasizza l-ħtieġa li l-**edukazzjoni tkun “impenn soċjali kondiviż” – wieħed mid-drittijiet umani ewlenin – li ssaħħaħ il-kapaċità ta’ kulħadd biex jieħdu ħsieb u jikkoperaw fil-livelli kollha tas-soċjetà**.



Il-benefiċċji soċjali, edukattivi u finanzjarji tal-inklużjoni ġew dokumentati sew. Madankollu, jibqa' kruċjali li l-pajjiżi kollha jwieġbu għall-imperattiv politiku, kif ukoll għall-imperattiv importanti etiku, biex jaspiraw għal soċjetajiet iktar inklużivi. Sabiex isaħħu l-impenn tagħhom lejn l-***Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli***, il-pajjiżi għandhom **jiżguraw ċarezza ikbar dwar il-prinċipji li jirfdu approċċ iktar olistiku lejn l-investiment fil-kwalità għall-istudenti kollha**.

L-oqfsa legali tal-pajjiżi jridu jinkorporaw l-impenji deskritti fil-konvenzjonijiet internazzjonali u l-komunikazzjonijiet Ewropew biex iħaddnu kemm l-ugwaljanza kif ukoll l-antidiskriminazzjoni. Il-leġiżlazzjoni għandha tiżgura aċċess universali u ugwali għall-edukazzjoni inklużiva mingħajr diskriminazzjoni. Din għandha tenfasizza li s-segregazzjoni hija forma ta' diskriminazzjoni, bħall-falliment li jiġu pprovduti l-aġġustamenti meħtieġa biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilitajiet jistgħu jgawdu d-drittijiet umani kollha fuq bażi ugwali bħal ħaddieħor.

Il-leġiżlazzjoni u l-politika għandhom jiffokaw fuq approċċi ta' prevenzjoni u intervent biex jippermettu l-istudenti kollha jissuperaw l-ostakli għat-tagħlim u jipparteċipaw bi sħiħ, f'konformità mal-viżjoni tal-aħħar li l-istudenti kollha ta' kull età jiġu edukati fil-komunità lokali tagħhom, flimkien ma' sħabhom u ħbiebhom.

B'mod kruċjali, sabiex jiġu ffaċċjati l-isfidi kurrenti, **l-atturi kollha tal-edukazzjoni jridu jespandu l-fehma tagħhom tal-edukazzjoni inklużiva biex tinkludi l-istudenti KOLLHA** (UNESCO, 2020). Dan jinkludi **l-eradikazzjoni ta' mekkaniżmi ta' diskriminazzjoni, sterjotipar u marġinalizzazzjoni li jeskludu studenti minn opportunitajiet fl-iskejjel u l-komunitajiet lokali tagħhom**. L-istrateġiji nazzjonali li jimmiraw lejn ċerti gruppi minoritarji għandhom jiġu estiżi biex jinforzaw id-dritt għall-edukazzjoni u jiżguraw li kull studenti jingħata prijorità.

Fil-qalba tal-ippjanar tal-futur hemm il-ħtieġa għal ċarezza dwar xi tfisser l-edukazzjoni inklużiva.

**L-inklużjoni fl-edukazzjoni u l-ekwità m'għandhomx jitqiesu bħala politiki separati, iżda bħala prinċipji li jirfdu u jinformaw il-politiki kollha nazzjonali**. Dan jinkludi dawk dwar il-governanza, il-kurrikulu, l-assessjar, l-assigurazzjoni tal-kwalità, l-osservazzjoni u l-evalwazzjoni, l-edukazzjoni tal-għalliema, u l-allokazzjoni tal-finanzjament u r-riżorsi.

Fundamentali għall-proviżjon ta' kwalità huwa l-iżvilupp ta' kompetenzi ewlenin permezz ta' opportunitajiet ta' tagħlim professjonali. Kompetenzi bħal dawn għandhom jippermettu l-edukaturi kollha jgħollu l-kisbiet, l-outputs u r-riżultati tas-sistema tal-edukazzjoni sħiħa. L-edukaturi għandhom ikunu mgħammra biex jadattaw jew jimmodifikaw il-kurrikulu biex jipprovdu opportunitajiet rilevanti għall-istudenti kollha, mingħajr ma jkollhom iduru għal kurrikuli alternattivi jew separati. **Approċċi personalizzati għandhom jinvolvu l-istudenti kollha, isostnu l-parteċipazzjoni attiva tagħhom u jagħtuhom vuċi fil-proċess ta' tagħlim**.

L-allokazzjoni ta' finanzjament flessibbli u riżorsi ekwitabbli għandha tiffoka fuq **iż-żieda fil-kapaċità tal-iskejjel u l-komunitajiet biex iwieġbu għad-diversità u jsostnu l-istudenti kollha**. L-approċċi ta' finanzjament għandhom iqisu kwistjonijiet li jinvolvu l-ħtiġijiet intersezzjonali tal-istudenti. Dejjem iżjed huwa rikonoxxut li l-identitajiet tal-istudenti jikkoinċidu u ta' spiss jirrappreżentaw ħafna dimensjonijiet ta' diversità. L-istudenti jistgħu jkunu esposti għal tipi differenti ta' diskriminazzjoni u żvantaġġi bħala riżultat tal-kombinament tal-identitajiet. Huwa evidenti li l-illejbiljar tal-istudenti u, b'mod partikolari, l-użu ta' lejbils biex jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-proviżjon jew l-aċċess għar-riżorsi jistgħu jaffettwaw l-ekwità.

Dan ir-rikonoxximent dejjem jiżdied tad-diversità u l-kumplessità tal-istudenti jeħtieġ kollaborazzjoni ikbar. Dan se jeħtieġ ukoll bidla fir-rwol tal-professjonisti tal-edukazzjoni, li jridu jkunu mħejjija biex jipprovdu pedagoġiji dejjem iktar personalizzati, żieda fl-użu ta' teknoloġiji diġitali u mogħdijiet ta' tagħlim iktar varjati. Il-komunitajiet tal-iskola se jkunu meħtieġa dejjem iktar jinvolvu ruħhom fi proċess ta' kunċettwalizzazzjoni mill-ġdid tal-kunċett ta' "skola" bħala istituzzjoni li toffri iktar mill-konsenja tal-kontenut tal-kurrikulu.



**Is-sħubiji u n-networks mal-istakeholders u l-komunitajiet lokali se jsiru dejjem iktar importanti** billi l-istituzzjonijiet (bħall-gvernijiet, il-ministeri, l-awtoritajiet reġjonali jew lokali u l-iskejjel) jorganizzaw u jikkollaboraw f'modi differenti biex jistabbilixxu ħidma transettorjali. Ħidma bħal din għandha tinkludi fehim tal-ekosistema usa' għas-sistemi ta' edukazzjoni inkluživa. Din għandha tqis ukoll l-influwenzi ewlenin fuq it-tagħlim u l-parteċipazzjoni fil-livelli tas-sistema u bejniethom, u tiżgura l-progress tal-istudenti u l-kontinwità tal-proviżjon bejn il-fażijiet kollha tal-edukazzjoni.

Wara l-COVID-19, jista' jkun hemm skop għal **żieda fis-sensibilizzazzjoni tas-soċjetà dwar l-impatt tas-segregazzjoni, l-iżolament u l-esklużjoni mis-sistema tal-iskola**. Dan għandu jirfed approċċ ta' "nerġgħu nibnu aħjar", li jiffoka fuq il-bini tal-kapaċità għall-istakeholders kollha u l-użu tad-data biex jiġu żgurati aċċess, inputs u riżultati ekwitabbli għall-istudenti KOLLHA. Approċċ bħal dan għandu jitħaddem b'mod speċifiku biex jipprovdi rotot u approċċi differenti, waqt li jkun infurmat mill-kuntesti u l-istorja tal-passat tal-pajjiżi – b'fokus fuq it-titjib kontinwu u l-proviżjon ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja u ffukata fuq l-istudent għal kulħadd.

**© European Agency for Special Needs and Inclusive Education 2022**

Inti tista' tikkwota din il-pubblikazzjoni kif ġej: L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inkluživa, 2022. *Il-Pożizzjoni tal-Aġenzija dwar Sistemi ta' Edukazzjoni Inkluživa*. It-tieni edizzjoni. Odense, id-Danimarka

Ikkoffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal-Kummissjoni Ewropea. La l-Unjoni Ewropea u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.